**Fil-Prim Awla Tal-Qorti Civili**

**Protestant ;** **Kunsill Lokali Sannat Ghawdex**

**Vs**

**Protestati ;** **Transport Malta u Kummissarju tal-Pulizija**

**Protest Gudizzjarju tal-Kunsill Lokali Sannat Ghawdex**

**Jeccepixxi** bir-rispett u bil-Guarament tieghu s -Sindku Philip Vella ghan-nom tal-Kunsill Lokali Sannat bil-gurament jikkonferma ;

Illi l-protestant kien ippresenta talba formali u applikazzjoni sabiex jzomm tigrijiet taz-Zwiemel Tradizzjonali waqt ic-celebrazzjonijiet tal-Festa ta' Santa Margerita fil-lokalita ta' Sannat Ghawdex . Dawn huma tigrijiet Tradizzjonali li ilhom jsiru sa miz-zmienijiet tal-Kavallieri u jinstabu dokumentati fl-annali tal-istorja kulturali sa mis-sena 1842 .

Illi l-imsemmija talba u applikazzjoni ssir billi il-Kummissarju tal-Pulzija jintalab johrog approvazzjoni ghal-sensiela ta' misuri li huma regolari u intizi ghas-sigurta tal-avveniment prospettat u wara li tinhareg din l-approvazzjoni, l-Awtorita ta' Trasport Malta sussegwentement tohrog il-permess opportun.

Illi kuntrarjament ghall- snin ohra il-Kummissarju tal-Pulizija lejliet l-avveniment prospettat f'Lulju 2019 u cioe fil-gimgha tal-festa ta' Santa Margerita Sannat permezz ta' ittra data 17 ta' Lulju 2019 informa lill-protestant illi huwa jinstab jsib oggezzjoni sabiex dawn it-tigrijiet tradizzjonali jsiru u ppresenta hames (5) ragunijiet ghaliex kien qed jsir r-rifjut meta fil-laqghat precedenti l-applikazzjoni qatt ma kien hemm ebda accenn li dawn it-tigrijiet ma kienux ser jigu approvati anzi, inghata intendiment li ser jithallew jsiru bhas-snin ta' qabel u saru diskussjonijiet serji kif jittiehdu kull prekawzjoni u mizuri biex dawn effettivament jsiru. Nonsotante dan ir-rifjut hareg fl-ahhar minuta b'mod arbitrarju ,ingust u indiskriminat kif ser jirrisulta ampjament bir-risultat manifest li jisfratta tali avveniment .

Illi kif jikkonferma **Dokument S 1** ir-rifjut jibda biex jikkommenda u jfahhar il-misuri proposti izda arbitrarjament jiddikjara li s-sigurta pubblika ma setghetx tigi garantita .

Illi l-barriers proposti kienu ccertifikati min Inginjier kompetenti izda l-protestat iddikjara li dawn ma kienux idonji ghall-impatt ta' ziemel . Bir-rispett dovut il-barriers kienu idonji sabiex jiehdu impatt u jtaffu impatt ghall-istess annimali . Illi barriers tal-konkos li intuzaw f'tigrijiet ohra mhumiex idonji ghaliex barriers tal-konkos certament ikorru u jwegghu l-istess annimali u l-uzu ta' barriers huwa sabiex jtaffu l-impatt u jwaqqfu u l-barriers certifikati proposti mill-Protestant kienu ccertifikati ghal dan l-iskop .

Illi l-arranagmenti li saru ghall-ispettaturi kienu idonji ghaliex kienet ser tintuza l-iskola Primarja sabiex l-ispettaturi jkunu migbura hemmhekk ghal aktar sigurta u l-fatt li kien hemm triq twila u tqajmet skuza li l-pulizija ma setghetx zzomm in-nies milli jaqbzu l-barriers hija wahda ngustifikata meta tigrijiet ohra li nghataw il-permess kellhom follol ta' nies akbar litterlament mal-genb tat- toroq b'nuqqas ta' Pulzija u sigurta .

Illi l-fatt li kien hemm incidenti waqt avvenimenti simili u kien hemm litigazzjoni Civili fir-rigward ma jistax jkun pretest li jikkancella tali tigrijiet tradizzjonali. Dan l-argument ipotetiku jista jaghmel sens u jkun kredibbli fil-validita tieghu li kieku l-Kummissarju tal-Pulizija juza l-istess argument u mizura fil-konfront ta' kull tip ta' applikant, Kunsill jew entita li tapplika ghal dawn it-tigrijiet fit- toroq, meta ftit jiem biss wara l-avveniment tradizzjonali ikkancellat u sospiz arbitrarjament u b'mod indiskriminat thallew tigrijiet fl-istess gzira ta' Ghawdex fl-aktar triq principali tal- gzira Ghawdxija . Illi f' dan il-kuntest certament il-Kummisarju tal-Pulizija kien indiskriminanti meta japplikax l-mizuri ghall kulhadd .

Illi l-hames rifjut presentat f'dokument S 1 kien prorpju li l-eghluq ta' triq Principali tas-Sannat kienet ser tohloq inkonvenjent ghall-istess residenti tas- Sannat u ssemmiet il-korsa tax- Xewkija li tinstab fil-vicinanzi .

Illi l-protestant jeccepixxi li dawn huma tigrijiet tradizzjonali li dejjem sehhew fir- rahal ta' Sannat u l-istess Kunsill Lokali jirrapresenta lir-residenti ta' Sannat li huma bil-kbir iddispjacuti bil-mod indiskriminat li gew trattati mill-protestati meta dawn it- tigrijiet tradizzjonali kienu dejjem karatteristika tar-rahal ta' Sannat u l-istess residenti jixtiequ li din it- tradizzjoni tibqa tigi kkoltivata .

Illi l-protestant ha mizuri straordinarji li l-ebda entita jew applikant iehor qatt ma ppresenta ghall-applikazzjoni simili fosthom li pprovdew ghoxrin (20) security officer addizzjonali sabiex jassistu l-pulizija, sar risk management u misuri preventivi , saru arrangamenti mal-Iskola tal- Gvern sabiex l-ispettaturi jitpoggew hemmhekk ghal aktar sigurta kif ukoll l-kiosks gew iccentralizzati hemmhekk . Illi ttiehdu mizuri sabiex jinkrew mobile toilets u kien ser jigi ingaggat team mediku mill-Isptar Generali ta' Ghawdex u iehor mill-ERRC ( Emergency Response Rescue Corpse ) meta s-soltu kull ma jkun necessarju l-presenza ta' ambulanza .

Illi sahansitra l-hin tal-istess tigrijiet tressaq ghall-erbgha(4) ta' wara nofs in-nhar sabiex jnaqqas mill-hinijiet ta' shana . Jinghad bir-rispett li anke f'dan ir-rigward l-protestati kienu diskriminatorji meta approvaw tigrijiet li bdew fis-saghtejn (2) ta'wara nofs in nhar fl-eqqel ta' Awissu meta l-Gvern kien ghadu kemm habbar ligijiet u regolamenti godda intizi sabiex jevitaw hinijiet ta' shana meta jistghu jithaddmu iz-zwiemel u altru min hekk inhargu permessi fl-iktar triq principali ta' Ghawdex li litterlament tipparalizza l-gzira Ghawdxija ferm aktar mit- triq prospettata gewwa r- rahal ta' Sannat.

Illi jidher car u manifest illi r-ragunijiet esposti fir-rifjut tal- protestat Kummissarju tal-Pulzija huma arbitrarji u diskriminanti fil-konfront tal- Protestant meta kull mizura u punt ta' rifjut ma kienx applikat ghall-tigrijiet ohra li nghataw tali permess anzi dawn l-

oggezzjonijiet kienu jimmanifestaw ruhhom fi grad aktar gravi f'lokalitajiet ohra li nghataw il-permess .

Illi l-Protestat permezz ta'ittra indirizzata lill-Kummissarjat tal-Pulzija f' Ghawdex hawn annessa bhal **Dokument S2** interpella u talab mill-gdid il-hrug ta' permess u approvazzjoni sabiex dawn it- tigrijiet tradizzjonali jistghu jsiru fix-xahar ta' Ottubru jew jkunu abbinati ma' attivita Kulturali abbinata mar- Rahal ta' Sannat liema ittra qatt ma nghatat risposta formali .

Illi l-Protestant jinstab ghalhekk jinterpella ghall-ahhar darba lill-protestati sabiex jawtorizzaw l-imsemmija tigrijiet tradizzjonali dedikati lill- Padruna tar- rahal ta' Sannat maghrufa bhala t- Tigrijiet ta' Santa Margerita tas- Sannat u dan taht il-mizuri kollha idonja ta' sigurta prospettati u ohrajn li jistghu jkunu neccesarji u dan b'mod li ma jiddiskriminawx bejn lokalita u ohra, kif manifestament sar fix-xhur precedenti b'mod manifest u bl-aktar mod arbitrarju .

Ghaldaqstant filwaqt illi l-protestant jinstab jgib a formali konjizzjoni tal-protestati issuespost jinstab jzommkhom pjenement resposnabbli *in dolo , mora u culpa* u ghal kull aspett iehor tal-ligi u jinterpellawkhom tapprovaw t- talba ghall-avveniment minghajr il-htiega ta' proceduri u interpellanzi ulterjuri . Bir-riserva ta' kull azjoni ulterjuri skond il-ligi sabiex l-istess Protestati jerfghu r-responsabilita ufficjali u personali ghall-kancellament u rifjut ta' tali tigrijiet .

Tant sabiex taghrfu tirregolaw ruhkhom u tevitaw spejjes u proceduri ulterjuri inutili .

Bl-ispejjes .

Avv Matthew Brincat
37, Dolphin Court ,Apt Q.
Triq L-Ambaxxati ,
Ta' Xbiex .

P. L Nadine Farrugia